## STQARRIJA GĦALL-MEDIA:

**It-8 Konferenza Annwali tal-NCPE**
**Il-bżonn ta' aktar nisa f'pożizzjonijiet tat-teħid tad-deċiżjonijiet**

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza organizzat it-tmien Konferenza Annwali tagħha li matulha grupp ieħor ta' organizzazzjonijiet/entitajiet ingħataw il-Marka tal-Ugwaljanza. Din il-Konferenza Annwali elenkat l-iżviluppi ewlenin li nkisbu matul l-2011 kif ukoll ingħatat ħarsa 'l quddiem għall-mod kif tista' tinkiseb ugwaljanza fil-fatt fis-soċjetà kollha.

Fil-ftuħ ta' din il-konferenza, il-Ministru għall-Ġustizzja, Djalogu u Familja, l-Onor. Chris Said, qal li matul it-tmien snin li għaddew l-NCPE irnexxielha tqajjem għarfien dwar l-ugwaljanza tad-drittijiet u l-opportunitajiet u ħadmet qatigħ biex tissawwar kultura Maltija favur aktar drittijiet u aktar opportunitajiet għal kulħadd.

Il-Ministru Said elenka d-diversi żviluppi li seħħew fl-aħħar snin: il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol żdiedet minn 33.5% fl-2004 għal 41.1% fl-2011. bejn l-2007 u l-2012, in-nisa li jaħdmu bi qliegħ żdiedu bi 8,294. In-nisa fl-edukazzjoni terzjarja żdiedu tant li jirrappreżentaw 60% tal-popolazzjoni tal-istudenti fl-Università ta' Malta.

Il-Ministru Said esprima l-impenn tal-gvern li joffri aktar arranġamenti flessibbli ta' xogħol u miżuri favur il-familja lill-ħaddiema. Mill-ewwel ta' Jannar ta' din is-sena, il-*leave* tal-maternità ġie estiż għal 16-il ġimgħa. F'inqas minn tmien xhur oħra, dan se jiżdied b'ġimgħatejn oħra għal tmintax. Fil-Budget għall-2012, il-Gvern ħabbar komputazzjoni ġdida tat-taxxa, dik li tissejjaħ *'Parent Computation'*, li għandha l-intenzjoni li tappoġġja lil dawk il-ġenituri li jaħdmu u li għandhom tfal li ma jaħdmux bi qliegħ sal-età ta' 18-il sena. Il-ġenituri li jibbenefikaw minn din il-komputazzjoni qed iħallsu sa €840 inqas f'taxxa fuq id-dħul kull sena. Il-Gvern hu impenjat ukoll li jinvesti f'aktar inċentivi fiskali bħalma huma t-*tax holiday* lil ommijiet li jirritornaw fid-dinja tax-xogħol. B'riżultat ta' din l-iskema, aktar minn 8,600 mara rritornaw fis-suq tax-xogħol u ffrankaw madwar 10 miljun ewro fi ħlasijiet tat-taxxa fuq id-dħul.

Il-Ministru Chris Said qal li minħabba li qed tiżdied aktar il-diversità f'Malta, il-gvern jagħraf il-bżonn li jagħti s-setgħa lil dawk il-persuni li jinsabu f'riskju li jkunu diskriminati. Hu għal din ir-raġuni li l-gvern ħejja u ppreżenta emendi għall-Att dwar l-Ugwaljanza bejn l-Irġiel u n-Nisa, li effettivament se jkunu qed iwessgħu l-mandat tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza. Permezz ta' dawn l-emendi, l-NCPE se tkun afdata wkoll bil-ħarsien u l-promozzjoni tat-trattament ugwali fl-oqsma tal-età, l-orjentazzjoni sessjoni, l-identità tal-ġeneru, ir-reliġjon u t-twemmin reliġjuż.

Id-Direttur Eżekuttiv tal-NCPE, Dr Romina Bartolo, tat ħarsa estensiva lejn l-inizjattivi u l-ħidmiet li l-NCPE għamlet fl-2011. Matul l-2011, l-NCPE kompliet tirċievi talbiet għal informazzjoni dwar diversi suġġetti relatati mal-ugwaljanza, u l-ilmenti tressqu fuq bażi regolari. Uħud minn dawn l-ilmenti kienu jinkludu allegata diskriminazzjoni f'applikazzjonijiet għal impjiegi, allegazzjonijiet ta' fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol, u allegazzjonijiet ta' tkeċċija mix-xogħol minħabba t-tqala. F'dak li għandu x'jaqsam ma'

diskriminazzjoni abbażi ta' razza, l-NCPE matul l-2011 irċeviet ilmenti li kienu jinvolvu allegazzjonijiet ta' diskriminazzjoni fil-provvista ta' u l-aċċess għall-akkomodazzjoni u fl-aċċess għal postijiet ta' divertiment.

Dr Romina Bartolo elenkat ukoll ix-xogħol li sar mill-NCPE permezz ta' propetti ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea, li huma *FSE3.47 – Nattwalizzaw il-Potenzjal tal-Mara*; *VS/2010/9569 Naħsbu b'Mod Ugwali* u *VS/2010/0819 L-Integrazzjoni tal-Prinċipju tal-Ugwaljanza – fil-Prattika.* Bħala parti minn *'Nattwalizzaw il-Potenzjal tal-Mara'*, matul din il-Konferenza Annwali kienet organizzata ċerimonja oħra li matulha aktar organizzazzjonijiet ingħataw il-Marka tal-Ugwaljanza. Erba' organizzazzjonijiet oħra - *Grand Hotel Excelsior, Nectar Group of Companies; PricewaterhouseCoopers* u *Sign Services (Malta)* - .kienu ċċertifikati bħala organizazzjonijiet li tassew joffru opportunitajiet indaqs kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel u għalhekk jistgħu jużaw il-Marka tal-Ugwaljanza fil-pubblikazzjonijiet u d-dokumenti tagħhom. Sa tmiem l-2011 kien hemm 32 organizzazzjoni ccertifikati li bejniethom jimpjegaw aktar minn 13,000 ħaddiem.

Wara l-għoti tal-Marka tal-Ugwaljanza, saret preżentazzjoni u diskussjoni dwar in-nisa f'pożizzjonijiet tat-teħid tad-deċiżjonijiet mis-Sra. Serap Altinisik mill-*European Women's Lobby*. Is-Sra. Altinisikspjegat kif inqas minn 20% tas-siġġijiet parlamentari fid-dinja huma okkupati min-nisa u l-proporzjon ta' ministri nisa jlaħħaq il-medja ta' 16%. Hija semmiet li mal-50 pajjiż addottaw leġislazzjoni dwar kwoti għall-kandidati, madanakollu huma biss sitta mill-pajjiżi membri tal-UE li addottaw leġislazzjoni għal kwoti bħal dawn.

Anki jekk hemm nisa li għandhom pożizzjonijiet importanti, tenniet is-Sra Altinisik, in-nisa xorta għadhom m'humiex rappreżentati biżżejjed fl-oqsma tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-politika u fl-ekonomija fil-pajjiżi Ewropej kollha. Is-Sra. Altinisik elenkat il-kundizzjonijiet biex titjieb is-sitwazzjoni u semmiet l-impenn tal-partiti politiċi li hu kruċjali għal rappreżentanza ugwali bejn in-nisa u l-irġiel. Is-Sra. Altinisik qalet li l-kwoti volontarji mill-partiti politiċi jistgħu jaħdmu, iżda mingħajr obbligazzjoni legali jistgħu jiġu injorati. Ir-rappreżentanza ugwali bejn in-nisa u l-irġiel fit-teħid tad-deċiżjonijiet, enfasiżżat is-Sra Altinisik, hi kwistjoni li għandha impatt fuq kulħadd – hi kwistjoni ta' demokrazija fl-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet kollha.

Għal aktar tagħrif dwar il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) agħmel kuntatt permezz ta' equality@gov.mt jew 2590 3850.

**Il-Ġimgħa 18 ta' Mejju, 2012**